REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/603

tat-13 ta' April 2015

li jemenda l-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu għall-aċidu 2-naftilossaċetiku, l-aċetoklor, il-kloropikrin, id-diflufenikan, il-flurprimidol, il-flutolanil u l-ispinosad f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u partikolarment l-Artikolu 14(1)(a), l-Artikolu 18(1)(b) u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

Billi:

(1) Għall-aċetoklor, il-kloropikrin, id-diflufenikan u l-flurprimidol, il-flutolanil u l-ispinosad, il-livelli massimi ta' residwu (MRLs) ġew stabbiliti fil-Parti A tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Għall-aċidu 2-naftilossaċetiku mhu stabbilit l-ebda MRL fir-Regolament (KE) Nru 396/2005, u peress li dawn is-sustanzi attivi mhumiex inklużi fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament, japplika l-valur prestabbilit ta' 0,01 mg/kg stipulat fl-Artikolu 18(1)(b) ta' dak ir-Regolament.

(2) In-nuqqas ta' inklużjoni tal-aċidu 2-naftilossaċetiku fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE huwa previst fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1127/2011 ([2]). L-awtorizzazzjonijiet kollha eżistenti għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanza attiva tal-aċidu 2-naftilossaċetiku ġew irrevokati. Għalhekk jixraq li dawn l-MRLs jiġu stabbiliti skont il-limitu speċifiku stabbilit jew skont l-MRL prestabbilit kif previst fl-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(3) In-nuqqas ta' inklużjoni tal-aċetoklor fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE huwa previst fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2011/1372 ([3]). L-awtorizzazzjonijiet kollha eżistenti għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanza attiva tal-aċetoklor ġew irrevokati. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, flimkien mal-Artikolu 14(1)(a) tiegħu, l-MRLs stabbiliti għal dik is-sustanza attiva fl-Anness III għandhom jitħassru.

(4) In-nuqqas ta' inklużjoni tal-kloropikrin fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE huwa previst fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1381/2011 ([4]). L-awtorizzazzjonijiet kollha eżistenti għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanza attiva tal-kloropikrin ġew irrevokati. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, flimkien mal-Artikolu 14(1)(a) tiegħu, l-MRLs stabbiliti għal dik is-sustanza attiva fl-Anness III għandhom jitħassru.

(5) Għad-diflufenikan, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità", issottomettiet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti b'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([5]). Hija rrakkomandat li jitbaxxew l-MRLs għaż-żebbuġ tal-mejda, il-ħabba tax-xgħir, il-ħabba tal-ħafur, il-ħabba tas-segala u l-ħabba tal-qamħ. Għal prodott ieħor hija rrakkomandat li jiżdied l-MRL eżistenti. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għall-frott taċ-ċitru, il-lewż, il-ġewż, il-frott taż-żerriegħa, l-għeneb tal-mejda,

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1127/2011 tas-7 ta' Novembru 2011 dwar in-nonapprovazzjoni tas-sustanza attiva l-aċidu 2-naftilossaċetiku, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 289, 8.11.2011, p. 26).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1372/2011 tal-21 ta' Diċembru 2011 dwar in-nonapprovazzjoni tas-sustanza attiva aċetoklor, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/934/KE (ĠU L 341, 22.12.2011, p. 45).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1381/2011 tat-22 ta' Diċembru 2011 dwar in-nuqqas ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva kloropikrin, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/934/KE (ĠU L 343, 23.12.2011, p. 26).

([5]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Rieżami tal-limiti massimi tar-residwu (MRLs) eżistenti għad-diflufenikan skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. *The EFSA Journal* 2013;11(6):3281. [42 pp.].

l-għeneb tal-inbid, il-kiwi, il-muskoli tal-bovini, ix-xaħam, il-fwied u l-kliewi, il-muskoli tan-nagħaġ, ix-xaħam, il-fwied u l-kliewi, il-muskoli tal-mogħoż, ix-xaħam, il-fwied u l-kliewi u l-ħalib tal-ifrat, in-nagħaġ u l-mogħoż kien hemm xi informazzjoni li ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Billi m'hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawk il-prodotti għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Dawn l-MRLs se jiġu rieżaminati; ir-rieżami se jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għall-frawli, il-frott tal-kanna, il-frott żgħir u il-frott irqiq ieħor, il-piżelli (bil-miżwed), il-piżelli (mingħajr il-miżwed), il-piżelli (imnixxfa) u l-ħabba tal-millieġ ma kienet disponibbli ebda informazzjoni u li kienet meħtieġa aktar konsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. L-MRLs għal dawk il-prodotti għandhom jiġu stabbiliti skont il-limitu speċifiku stabbilit jew skont l-MRL prestabbilit kif previst fl-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(6) In-nuqqas ta' inklużjoni tal-flurprimidol fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE huwa previst fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/328/KE ([1]). L-awtorizzazzjonijiet kollha eżistenti għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanza attiva tal-flurprimidol ġew irrevokati. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, flimkien mal-Artikolu 14(1)(a) tiegħu, l-MRLs stabbiliti għal dik is-sustanza attiva fl-Annessi III għandhom jitħassru.

(7) Għall-flutolanil, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([2]). L-Awtorità pproponiet li d-definizzjoni tar-residwu tinbidel. Hija rrakkomandat li l-MRL għall-patata jitnaqqsu. Għal prodott ieħor hija rrakkomandat li l-MRLs eżistenti jibqgħu l-istess. L-Awtorità kkonkludiet li dwar l-MRLs għall-bżar, il-fażola (friska, bil-miżwed), il-qaqoċċ, il-muskoli tal-ħnieżer, ix-xaħam, il-fwied u l-kliewi, il-muskoli tal-bovini, ix-xaħam, il-fwied u l-kliewi, il-muskoli tal-mogħoż, ix-xaħam, il-fwied u l-kliewi, il-muskoli tat-tjur, ix-xaħam u l-fwied, il-ħalib tal-ifrat, in-nagħaġ u l-mogħoż u l-bajd tal-għasafar, xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskji. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawn il-prodotti għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Dawn l-MRLs se jiġu rieżaminati; ir-rieżami se jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(8) Għall-ispinosad, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu ([3]). Hija rrakkomandat li tbaxxi l-MRL għall-lewż, il-ġewż tal-Brażil, il-ġewż tal-anakardju, il-qastan, il-ġewż tal-Indi, il-ġellewż, il-makadamja, il-ġewż Amerikan, il-ġewż tal-arżnu, il-pistaċċi, il-ġewż, it-tuffieħ, il-lanġas, l-isfarġel, in-naspli, in-naspla tal-Ġappun, il-berquq, iċ-ċirasa, il-ħawħ, l-għanbaqar, il-kiwi, it-tewm, il-basal, ix-xalott, it-tadam, il-brunġiel, il-ħjar, il-fażola (friska, bil-miżwed), il-piżelli (friski, bil-miżwed), u l-kurrat. Għal prodotti oħrajn hija rrakomandat li l-MRLs jibqgħu l-istess jew inkella li jogħlew. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għall-brassica bil-fjuri, l-ispinaċi, il-qaqoċċ, il-ħabba tal-qamħ, il-muskoli tat-tjur, ix-xaħam u l-fwied u l-bajd tat-tjur, xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u kienet meħtieġa iktar konsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawn il-prodotti għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Dawn l-MRLs se jiġu rieżaminati; ir-rieżami se jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għasswedes u r-rapa, l-ebda informazzjoni ma kienet disponibbli u li kienet meħtieġa aktar konsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. L-MRLs għal dawk il-prodotti għandhom jiġu stabbiliti skont il-limitu speċifiku stabbilit jew skont l-MRL prestabbilit kif previst fl-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Fir-rigward tat-tut, il-lampun, frott żgħir u frott irqiq ieħor, il-karfus, il-bużbież, il-muskoli tal-ħnieżer u l-fwied, il-muskoli tal-bovini, il-muskoli tan-nagħaġ, ix-xaħam u l-fwied, il-muskoli tal-mogħoż, ix-xaħam u l-fwied u l-muskoli tat-tjur, wara l-preżentazzjoni tal-opinjoni msemmija fl-ewwel sentenza, l-Awtorità ippreżentat opinjonijiet ulterjuri dwar l-MRLs ([4]), ([5]), ([6]). Huwa xieraq li dawn l-opinjonijiet jiġu kkunsidrati. F'dak li għandu x'jaqsam mal-ġewż tas-siġar, iċ-ċawsli iswed, il-frott tal-passjoni u l-basal tar-rebbiegħa, wara li l-Awtorità ppreżentat l-opinjoni msemmija fl-ewwel sentenza, mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 293/2013 ([7]), is-CXLs ġew inklużi bħala MRLs fir-Regolament (KE) Nru 396/2005. Huwa xieraq li dawn l-MRLs jiġu kkunsidrati.

([1]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni Nru 2011/328/UE tal-1 ta' Ġunju 2011 dwar l-esklużjoni ta' flurprimidol fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 192).

([2]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Rieżami tal-limiti massimi tar-residwu (MRL) eżistenti għall-flutolanil skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. *The EFSA Journal* 2013;11(9):3360. [44 pp.].

([3]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Rieżami tal-limiti massimi tar-residwu (MRLs) eżistenti għall-ispinosad skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. *The EFSA Journal* 2012;10(3):2630. [89 pp.].

([4]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Modifika tal-MRLs eżistenti għall-ispinosad fi frott żgħir u frott irqiq u f'diversi prodotti li joriġinaw mill-annimali. *The EFSA Journal* 2013; 11(11):3447. [27 pp.].

([5]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Modifika tal-MRLs eżistenti għall-ispinosad fil-lampun. *The EFSA Journal* 2012; 10(5):2751. [26 pp.].

([6]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Modifikazzjoni tal-MRLs eżistenti għall-ispinosad fil-karfus, il-bużbież, il-lampun u t-tut. *The EFSA Journal* 2012;10(6):2770. [27 pp.].

([7]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 293/2013 tal- 20 ta' Marzu 2013 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-benżoat tal-emamektin, għall-etofenproks, għall-etoksażol, għall-flutrijafol, għall-glifożat, għall-fożmet, għall-piraklostrobin, għall-ispinosat u għall-ispirotetramat f'ċerti prodotti jew fuqhom (ĠU L 96, 5.4.2013, p. 1).

(9) Fir-rigward tal-prodotti ta' oriġini mill-pjanti u mill-annimali, li għalihom ma ġewx irrapportati awtorizzazzjonijiet rilevanti jew tolleranzi tal-importazzjoni fil-livell tal-Unjoni Ewropea u lanqas ma kienu disponibbli s-CXLs, l-Awtorità kkonkludiet li kien hemm bżonn ta' iktar konsiderazzjoni mill-amministraturi tar-riskji. Filwaqt li tqis l-għarfien xjentifiku u tekniku attwali, l-MRLs għal dawk il-prodotti għandhom jiġu stabbiliti skont il-limitu speċifiku stabbilit jew skont l-MRL prestabbilit kif previst fl-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(10) Il-Kummissjoni kkonsultat mal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea dwar ir-residwi tal-pestiċidi, rigward il-ħtieġa li jiġu adattati ċerti limiti tad-determinazzjoni. Dwar bosta sustanzi, dawk il-laboratorji kkonkludew li għal ċerti komoditajiet, l-iżvilupp tekniku jippermetti li jiġu stabbiliti limiti speċifiċi ta' determinazzjoni.

(11) Abbażi tal-opinjonijiet motivati tal-Awtorità u filwaqt li jittieħdu inkonsiderazzjoni l-fatturi rilevanti tas-suġġett ikkunsidrat, l-emendi xierqa għall-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(12) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 għandu jiġi emendat skont dan.

(13) Sabiex jippermetti l-kummerċjalizzazzjoni, l-ipproċessar u l-konsum normali tal-prodotti, ir-Regolament għandu jistipula arranġament tranżizzjonali għall-prodotti li ġew prodotti legalment qabel il-modifika tal-MRLs u li għalihom l-informazzjoni turi li nżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi.

(14) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma l-MRLs modifikati jsiru applikabbli, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel ikunu jistgħu iħejju ruħhom biex ikunu jistgħu jikkonformaw mar-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-modifika tal-MRLs.

(15) Is-sħab kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati dwar l-MRLs il-ġodda permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-kummenti tagħhom ittieħdu inkonsiderazzjoni.

(16) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat permezz ta' dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika għall-prodotti li kienu prodotti legalment qabel is-7 ta' Diċembru 2015.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-7 ta' Diċembru 2015.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

L-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness II, għandhom jiżdiedu l-kolonni għad-diflufenikan, il-flutolanil u l-ispinosad:

"Residwi ta' pestiċidi u livelli massimi ta' residwi (mg/kg)

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li l-MRLs japplikaw għalihom [a]	Diflufenikan (F)	Flutolanil (R)	Spinosad (spinosad, is-somma ta' spinosin A u spinosin D) (F)
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0100000	1. **FROTT FRISK JEW ĠEWŻ IFFRIŻAT**	**0,01** (*)	**0,01** (*)	
0110000	(i) **Frott taċ-ċitru**	**(+)**		0,3
0110010	Grejpfrut (Shaddocks, pomelos, sweeties, tangelo (minbarra l-minneola), ugli u ibridi oħra)			
0110020	Lariġ (Bergamott, lariġ morr, kinotto u ibridi oħra)			
0110030	Lumi (Troġ, lumi, Buddha's hand (Citrus medica var. sarcodactylis))			
0110040	Xkomp			
0110050	Mandolin (Klementini, tangerine, minneola u ibridi oħra tangor (Citrus reticulata × sinensis))			
0110990	Oħrajn			
0120000	(ii) **Ġewż tas-siġar**			**0,07**
0120010	Lewż	**(+)**		
0120020	Ġewż tal-Brażil			
0120030	Ġewż tal-anakardju			
0120040	Qastan			
0120050	Ġewż tal-Indi			
0120060	Ġellewż (Filbert)			
0120070	Macadamia			
0120080	Ġewż Amerikan			
0120090	Ġewż tal-arżnu			
0120100	Pistaċċi			
0120110	Ġewż	**(+)**		
0120990	Oħrajn			

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0130000	(iii) **Frott taż-żerriegħa**	**(+)**		**0,3**
0130010	Tuffieħ (Tuffieħ salvaġġ)			
0130020	Langas (Langas Orjentali)			
0130030	Sfarġel			
0130040	Naspli			
0130050	Naspla tal-Ġappun			
0130990	Oħrajn			
0140000	(iv) **Frott tal-għadma**	**(+)**		
0140010	Berquq			**0,6**
0140020	Ċiras (Ċirasa ħelwa, ċirasa qarsa)			**0,2**
0140030	Ħawħ (Nuċiprisk u ibridi simili)			**0,6**
0140040	Għanbaqar (Damson, greengage, mirabelle, pruna salvaġġa, tamal aħmar/tamal Ċiniż/żinżel Ċiniż (Ziziphus zizyphus))			**0,2**
0140990	Oħrajn			**0,02** (*)
0150000	(v) **Żibeġ tal-kukku u frott żgħir**			
0151000	(a) *Għeneb tal-mejda u tal-inbid*	**(+)**		0,5
0151010	Għeneb tal-mejda			
0151020	Għeneb tal-inbid			
0152000	(b) *Frawli*			0,3
0153000	(c) *Frott tal-kannamiela*			
0153010	Tut			1,5
0153020	Dewberries (Loganberries, tayberries, boysenberries, cloudberries u ibridi ta' Rubus oħra)			1
0153030	Lampun (Wineberries, għollieq tal-Artiku/lampun, (Rubus arcticus), nektar tal-lampun (Rubus arcticus × Rubus idaeus))			1,5
0153990	Oħrajn			0,02 (*)
0154000	(d) *Żibeġ tal-kukku u frott żgħir ieħor*			1,5
0154010	Blueberries (Mirtill)			
0154020	Cranberries (Għeneb tal-muntanja (cowberries)/ mirtill aħmar (vitis-idaea))			
0154030	Passolina (ħamra, sewda u bajda)			
0154040	Ribes (gooseberries) (Inklużi l-ibridi ma' speċi oħra tar-Ribes)			

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0154050	Warda Skoċċiża			
0154060	Ċawsli (Arbutus berry)			
0154070	Azarole (naspla Mediterranja) (Kiwiberry (Actinidia arguta))			
0154080	Frott is-sebuqa (Black chokeberry/appleberry, mountain ash, buckthorn/sea sallowthorn, hawthorn, serviceberries, u treeberries ieħor)			
0154990	Oħrajn			
0160000	(vi) **Frott mixxellanju**			
0161000	(a) *Qoxra li tittiekel*			**0,02** (*)
0161010	Tamal			
0161020	Tin			
0161030	Żebbuġ tal-mejda			
0161040	Larinġ tal-qsari (Larinġ tal-qsari marumi, larinġ tal-qsari nagami, limequats (Citrus aurantifolia × Fortunella spp.))			
0161050	Karambola (Bilimbi)			
0161060	Kaki			
0161070	Jambolan (għanbaqar tal-Ġava) (Tuffieħ tal-Ġava/water apple, rose apple, ċirasa Brażiljana, ċirasa tas-Surinam/grumichama (Eugenia uniflora))			
0161990	Oħrajn			
0162000	(b) *Qoxra li ma tittikilx, żgħar*			
0162010	Kiwi	**(+)**		**0,05**
0162020	Liċċi (Litchi) (Pulasan, rambutan/liċċi bis-suf, longan, mangosteen, langsat, salak)			0,02 (*)
0162030	Frotta tal-passjoni			0,7
0162040	Bajtar tax-xewk (frotta tal-kaktus)			0,02 (*)
0162050	Tuffieħa stilla			0,02 (*)
0162060	Frotta tal-kaki (Kaki tal-Virġinja) (Sapote sewda, bajda, ħadra, canistel/sapote safra, sapote mammey)			0,02 (*)
0162990	Oħrajn			0,02 (*)
0163000	(c) *Qoxra li ma tittikilx, kbar*			
0163010	Avokado			0,02 (*)
0163020	Banana (Banana nanija, pjantaġġni, bananito)			2
0163030	Mango			0,02 (*)
0163040	Papaja			0,5
0163050	Rummien			0,02 (*)

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0163060	Ċerimoja (Custard apple, sugar apple/sweetsop, ilama (Annona diversifolia) u frott ieħor ta' Annonnaceae ta' daqs medju)			0,02 (*)
0163070	Gwava (Pitaja ħamra/ħelwa (Hylocereus undatus))			0,02 (*)
0163080	Ananas			0,02 (*)
0163090	Frotta tas-siġra tal-ħobż (Jackfruit)			0,02 (*)
0163100	Durian			0,02 (*)
0163110	Il-frotta tal-annona (guanbana)			0,02 (*)
0163990	Oħrajn			0,02 (*)
0200000	2. **ĦAXIX FRISK JEW IFFRIŻAT**			
0210000	(i) **Ħxejjex mill-għeruq u t-tuberi**	**0,01** (*)		
0211000	(a) *Patata*		**0,1**	0,02 (*)
0212000	(b) *Ħxejjex tropikali mill-għeruq u t-tuberi*		**0,01** (*)	0,02 (*)
0212010	Kassava (Dasheen, eddoe/Japanese taro, tannia)			
0212020	Patata ħelwa			
0212030	Jammijiet (Potato bean/yam bean, yam bean Messikan)			
0212040	Ararut			
0212990	Oħrajn			
0213000	(c) *Ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi*		**0,01** (*)	
0213010	Pitravi			0,02 (*)
0213020	Karrotti			0,02 (*)
0213030	Celeriac (Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi)			0,02 (*)
0213040	Għerq tal-mustarda (L-għeruq tal-anġelika, tal-lovage, tal-ġenzjana)			0,02 (*)
0213050	Artiċokks (Crosne)			0,02 (*)
0213060	Zunnarija bajda			0,02 (*)
0213070	Tursin tuberuż			0,02 (*)
0213080	Ravanell (Ravanell iswed, ravanell Ġappuniż, ravanell żgħir u varjetajiet simili, tiger nut (Cyperus esculentus))			0,3
0213090	Sassefrika (Scorzonera, sassefrika Spanjola/Spanish oysterplant, lappa li tittiekel)			0,02 (*)
0213100	Swedes			0,02 (*)
0213110	Rapa (xorta ta' Brassica)			0,02 (*)
0213990	Oħrajn			0,02 (*)

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0220000	(ii) **Ħxejjex tal-basla**	**0,01** (*)	**0,01** (*)	
0220010	Tewm			**0,07**
0220020	Basal (Basal ieħor tal-basla, basal silverskin)			**0,07**
0220030	Shallots			**0,07**
0220040	Basal tar-Rebbiegħa u basal ta' Wales (Basal ieħor aħdar u varjetajiet simili)			4
0220990	Oħrajn			**0,02** (*)
0230000	(iii) **Ħxejjex tal-frott**	**0,01** (*)	**0,01** (*)	
0231000	(a) *Solanacea*			
0231010	Tadam (Tadam ċiras, Fisalis spp., goġiberri, wolfberry (Lycium barbarum u L. chinense) tadam tassiġra)			**0,7**
0231020	Bżar (Bżar aħmar)		**(+)**	2
0231030	Brunġiel (Pepino, antroewa/brunġiel abjad (S. macrocarpon))			**0,7**
0231040	Okra			**0,02** (*)
0231990	Oħrajn			**0,02** (*)
0232000	(b) *Cucurbits — qoxra li tittiekel*			**0,3**
0232010	Ħjar			
0232020	Gherkins (ħjar żgħir)			
0232030	Zukkini (qarabagħli żgħir) (Qara' tas-sajf, qara' (patisson), lauki (Lagenaria siceraria), chayote, sopropo/bettieħ morr, snake gourd, angled luffa/teroi)			
0232990	Oħrajn			
0233000	(c) *Cucurbits-qoxra li ma tittikilx*			1
0233010	Bettieħ (Kiwano)			
0233020	Qara' aħmar (Qara' ħamra, qara' (varjetà imwaħħra))			
0233030	Dulliegħ			
0233990	Oħrajn			
0234000	(d) *Qamħ ħelu (Qamħirrun żgħir)*			0,02 (*)
0239000	(e) *Ħxejjex tal-frott oħra*			0,02 (*)

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0240000	(iv) **Ħxejjex tal-ġenus Brassica**	**0,01** (*)	**0,01** (*)	2
0241000	(a) *Brassica bil-fjuri*			**(+)**
0241010	Brokkoli (Calabrese, broccoli raab, brokkoli Ċiniżi)			
0241020	Pastard			
0241990	Oħrajn			
0242000	(b) *Brassica bir-ras*			
0242010	Brussels sprouts			
0242020	Kaboċċa bir-ras (Kaboċċa bir-ras ippuntata, kaboċċa ħamra, kaboċċa Ingliża mflefla, kaboċċa bajda)			
0242990	Oħrajn			
0243000	(c) *Brassica bil-weraq*			
0243010	Kaboċċa Ċiniża (Mustarda Indjana jew Ċiniża pak choi, kaboċċa ċatta Ċiniża/tai goo choi, choi sum, kaboċċa ta' Pekin/pe-tsai)			
0243020	Kale (Borecole/kale innukklat, collards, Kale Portugiż, Kaboċċa Portugiża, cow cabbage)			
0243990	Oħrajn			
0244000	(d) *Ġidra*			
0250000	(v) **Ħxejjex tal-weraq u ħxejjex aromatiċi friski**			
0251000	(a) *Ħass u pjanti oħra tal-insalata inklużi l-Brassicacea*	**0,01** (*)	**0,01** (*)	
0251010	Ħass tal-ħaruf (Insalata tal-qamħ Taljan)			10
0251020	Ħass (Ħass ikkabboċjat, lollo rosso, ħass iceberg, ħass romaine (cos))			10
0251030	Scarole (indivja tal-werqa wiesgħa) (Ċikwejra salvaġġa, ċikwejra tal-werqa ħamra, radiccho, indivja tal-weraq innukklat, sugar loaf (C. endivia var. crispum/C. intybus var. foliosum), weraq taċ-ċikwejra salvaġġa)			10
0251040	Krexxun (Mung bean sprouts, alfalfa sprouts)			10
0251050	Krexxun tal-art			10
0251060	Aruka (Aruka salvaġġa (Diplotaxis spp.))			10

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0251070	Mustarda ħamra			10
0251080	Weraq u nebbieta tal-Brassica spp, inklużi l-weraq tar-rapa (xorta ta' Brassika) (Mizuna, weraq tal-piżelli u tar-ravanell u pjanti oħra, inklużi tal-brassica bil-weraq żgħir (pjanti li jinħasdu sal-istadju fejn ikollhom l-ewwel 8 werqat), weraq tal-ġidra)			**15**
0251990	Oħrajn			**0,02** (*)
0252000	(b) *Spinaċi u ħxejjex simili (weraq)*	**0,01** (*)	**0,01** (*)	
0252010	Spinaċi (Spinaċi tan-New Zealand, spinaċi amaranthus (pakkhom, tampara), weraq tal-pjanta Tajer, bitterblad/bitawiri)			**15 (+)**
0252020	Burdlieqa (Burdlieqa tax-xitwa/miner's lettuce, burdlieqa tal-ġonna, burdlieqa komuni, ħaxixa Ingliża glasswort, Krexxuni (Salsola soda))			10
0252030	Weraq tal-pitravi (chard) (Weraq tal-pitravi)			**15**
0252990	Oħrajn			**0,02** (*)
0253000	(c) *Weraq tad-dielja (Malabar nightshade, weraq tal-banana, climbing wattle (Acacia pennata))*	**0,01** (*)	**0,01** (*)	10
0254000	(d) *Krexxuni tal-ilma (Kampanella/konvolvulu Ċiniż/konvolvulu tal-ilma/water spinach/kangkung (Ipomea aquatica), silla tal-ilma, mimoża tal-ilma)*	**0,01** (*)	**0,01** (*)	10
0255000	(e) *Witloof*	**0,01** (*)	**0,01** (*)	10
0256000	(f) *Ħxejjex aromatiċi*	**0,02** (*)	**0,02** (*)	
0256010	Maxxita			**15**
0256020	Kurrat salvaġġ			**15**
0256030	Weraq tal-karfus (Weraq tal-bużbież, weraq tal-kosbor, weraq tax-xibt, weraq tal-ħlewwa, lovage, anġelika, sweet cicely u weraq oħrajn Apiacea, ċilantro/stinking/kosbor twil/stink weed (Eryngium foetidum))			**15**
0256040	Tursin (weraq tat-tursin tuberuż)			60
0256050	Salvja (Sagħtrija (Satureia hortensis, Satureia montana), weraq Borago officinalis)			**15**
0256060	Klin			**15**
0256070	Sagħtar (Merdqux, riegnu)			**15**
0256080	Ħabaq (Weraq tal-balzmu, nagħniegħ, pepermint, ħabaq sagru, ħabaq ħelu, ħabaq bis-suf, fjuri li jittieklu (qronfol Tork u oħrajn), ombrellini, werqa tal-betel salvaġġa, weraq tal-kàri)			**15**

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0256090	Weraq tar-rand (Lemon grass)			**15**
0256100	Stragun (Issopu)			**15**
0256990	Oħrajn			**0,05** (*)
0260000	(vi) **Legumi (friski)**	**0,01** (*)	**0,01** (*)	**0,3**
0260010	Fażola (bil-miżwed) (Fażola ħadra/fażola Franċiża/snap beans, fażola ħamra tixxeblek, slicing bean, yard long beans, fażola tal-gwar, fażola tas-sojja)		**(+)**	
0260020	Fażola (bla miżwed) (Ful, Flageolets, jack bean, lima bean, cowpea)			
0260030	Piżelli (bil-miżwed) (Manġxtù/sugar peas/snow peas)			
0260040	Piżelli (bla miżwed) (Piżelli tal-ġnien, piżelli ħodor, ċiċri)			
0260050	Għads			
0260990	Oħrajn			
0270000	(vii) **Ħxejjex biz-zokk (friski)**	**0,01** (*)	**0,01** (*)	
0270010	Asparagu			**0,02** (*)
0270020	Kardun (Zkuk borago officinalis)			**0,02** (*)
0270030	Karfus			5
0270040	Bużbież			5
0270050	Qaqoċċ (Fjura tal-banana)		**(+)**	**0,15 (+)**
0270060	Kurrat			**0,2**
0270070	Rabarbru			**0,02** (*)
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambù			**0,02** (*)
0270090	Qlub tal-palm			**0,02** (*)
0270990	Oħrajn			**0,02** (*)
0280000	(viii) **Faqqiegħ**	**0,01** (*)	**0,01** (*)	0,02 (*)
0280010	Faqqiegħ ikkultivat (Faqqiegħ komuni, oyster mushroom, shiitake, fungus mycelium (partijiet veġetattivi))			
0280020	Faqqiegħ salvaġġ (Chanterelle, tartuf, more, cep)			
0280990	Oħrajn			
0290000	(ix) **Alki tal-baħar**	**0,01** (*)	**0,01** (*)	0,02 (*)
0300000	3. **ŻRIERAGĦ IMNIXXFA TAL-LEGUMI**	**0,01** (*)	**0,01** (*)	0,02 (*)
0300010	Fażola (Ful, navy beans, flageolets, jack beans, lima beans, fażola tal-għelieqi, cowpeas)			

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0300020	Għads			
0300030	Piżelli (Ċiċri, piżelli tal-għelieqi, ġulbiena)			
0300040	Lupini			
0300990	Oħrajn			
0400000	4. **ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT**		**0,01** (*)	0,02 (*)
0401000	(i) **Żrieragħ taż-żejt**	**0,01** (*)		
0401010	Żerriegħa tal-kittien			
0401020	Karawett			
0401030	Żerriegħa tal-peprin			
0401040	Żerriegħa tal-ġunġlien			
0401050	Żerriegħa tal-ġirasol			
0401060	Żerriegħa tal-lift (Żerriegħa tal-lift tal-għasafar, turnip rape)			
0401070	Żerriegħa tas-sojja			
0401080	Żerriegħa tal-mustarda			
0401090	Żerriegħa tal-qoton			
0401100	Żrieragħ tal-qara' ħamra (Żrieragħ oħrajn tal- Cucurbitaceae)			
0401110	Għosfor			
0401120	Fiddloqom (Purple viper's bugloss/Canary flower (Echium planatgineum Corn Gromwell (Buglossoides arvensis))			
0401130	Camelina sativa			
0401140	Żerrigħa tal-qanneb			
0401150	Castor bean			
0401990	Oħrajn			
0402000	(ii) **Frott taż-żejt**			
0402010	Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt	0,2		
0402020	Ġewż tal-palm (żrieragħ tal-palm għaż-żejt)	**0,01** (*)		
0402030	Frott tal-palm	**0,01** (*)		
0402040	Kapok	**0,01** (*)		
0402990	Oħrajn	**0,01** (*)		
0500000	5. **ĊEREALI**			**2** (+)
0500010	Xgħir	**0,02**	**0,01** (*)	
0500020	Qamħ Saraċin (Amaranthus, quinoa)	**0,01** (*)	**0,01** (*)	

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0500030	Qamħirrum	**0,01** (*)	**0,01** (*)	
0500040	Millieġ (Dekkuk, teff, millieġ Afrikan, millieġ perla)	**0,01** (*)	**0,01** (*)	
0500050	Ħafur	**0,02**	**0,01** (*)	
0500060	Ross (Ross Indjan/salvaġġ (Zizania aquatica))	**0,01** (*)	2	
0500070	Segala	**0,02**	**0,01** (*)	
0500080	Sorgu	**0,01** (*)	**0,01** (*)	
0500090	Qamħ (Spelt, triticale)	**0,02**	**0,01** (*)	
0500990	Oħrajn (Skalora (Phalaris canariensis))	**0,01** (*)	**0,01** (*)	
0600000	6. **TÈ, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI U KAKAW**	0,05 (*)	0,05 (*)	**0,1** (*)
0610000	(i) **Tè**			
0620000	(ii) **Żrieragħ tal-kafè**			
0630000	(iii) **Infużjonijiet erbali (imnixxfa)**			
0631000	(a) *Fjuri*			
0631010	Fjuri tal-kamumilla			
0631020	Fjuri tal-ħibiskus			
0631030	Petali tal-ward			
0631040	Fjuri tal-ġiżimin (Fjuri tas-sebuqa (Sambucus nigra))			
0631050	Xkomp (linden)			
0631990	Oħrajn			
0632000	(b) *Weraq*			
0632010	Weraq tal-frawli			
0632020	Weraq tar-rooibos (Weraq tal-ġingo)			
0632030	Matè			
0632990	Oħrajn			
0633000	(c) *Għeruq*			
0633010	Għeruq tal-valerjana			
0633020	Għeruq tal-ġinseng			
0633990	Oħrajn			
0639000	(d) *Infużjonijiet erbali oħra*			

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0640000	(iv) **Żrieragħ tal-kakaw (iffermentati jew imnixxfin)**			
0650000	(v) **Ħarruba**			
0700000	7. **ĦOPS (imnixxfa)**	0,05 (*)	0,05 (*)	**0,1** (*)
0800000	8. **ĦWAWAR**			
0810000	(i) **Żrieragħ**	0,05 (*)	0,05 (*)	**0,1** (*)
0810010	Ħlewwa			
0810020	Ħlewwa sewda			
0810030	Żerriegħa tal-karfus (Żerriegħa tal-lovage)			
0810040	Żerriegħa tal-kosbor			
0810050	Żerriegħa tal-kemmun			
0810060	Żerriegħa tax-xibt			
0810070	Żerriegħa tal-bużbież			
0810080	Fienu			
0810090	Noċemuskata			
0810990	Oħrajn			
0820000	(ii) **Frott u żibeġ tal-kukku**	0,05 (*)	0,05 (*)	**0,1** (*)
0820010	Bżar tal-Ġamajka			
0820020	Bżar tas-Sichuan (bżar tal-ħlewwa, bżar tal-Ġappun)			
0820030	Ħlewwa Ġermaniża			
0820040	Kardamomu			
0820050	Frott tal-ġnibru			
0820060	Bżar, iswed, aħdar u abjad (Bżar twil, bżar roża)			
0820070	Mżiewed tal-vanilla			
0820080	Tamar tal-Indja			
0820990	Oħrajn			
0830000	(iii) **Qoxra tas-siġar**	0,05 (*)	0,05 (*)	**0,1** (*)
0830010	Kannella (Kassja)			
0830990	Oħrajn			
0840000	(iv) **Għeruq jew riżomi**			
0840010	Għud is-sus	0,05 (*)	0,05 (*)	**0,1** (*)
0840020	Ġinġer	0,05 (*)	0,05 (*)	**0,1** (*)

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0840030	Żagħfran tal-Indja (kurkuma)	0,05 (*)	0,05 (*)	**0,1** (*)
0840040	Għerq tal-mustarda	**(+)**	**(+)**	(+)
0840990	Oħrajn	0,05 (*)	0,05 (*)	**0,1** (*)
0850000	(v) **Blanzuni**	0,05 (*)	0,05 (*)	**0,1** (*)
0850010	Msiemer tal-qronfol			
0850020	Kappar			
0850990	Oħrajn			
0860000	(vi) **Stigma tal-fjuri**	0,05 (*)	0,05 (*)	**0,1** (*)
0860010	Żagħfran			
0860990	Oħrajn			
0870000	(vii) **Aril**	0,05 (*)	0,05 (*)	**0,1** (*)
0870010	Il-qoxra barranija tan-noċemuskata			
0870990	Oħrajn			
0900000	9. **PJANTI TAZ-ZOKKOR**	**0,01** (*)	**0,01** (*)	**0,02** (*)
0900010	Pitravi taz-zokkor (għeruq)			
0900020	Kannamiela			
0900030	Għeruq taċ-Ċikwejra			
0900990	Oħrajn			
1000000	10. **PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI–ANNIMALI TERRESTRI**			
1010000	(i) **Tessut**	**0,02** (*)		
1011000	(a) *Majjal*			
1011010	Muskoli		**0,05** (*) (+)	0,1
1011020	Xaħam		**0,05** (*) (+)	2
1011030	Fwied		**0,2 (+)**	0,7
1011040	Kliewi		**0,1 (+)**	0,5
1011050	Ġewwieni li jittieklu		**0,2**	**2**
1011990	Oħrajn		**0,05** (*)	**0,02** (*)

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
1012000	(b) *Bovini*			
1012010	Muskoli	**(+)**	**0,05** (*) **(+)**	0,3
1012020	Xaħam	**(+)**	**0,05** (*) **(+)**	3
1012030	Fwied	**(+)**	**0,2 (+)**	2
1012040	Kliewi	**(+)**	**0,1 (+)**	1
1012050	Ġewwieni li jittieklu		**0,2**	**3**
1012990	Oħrajn		**0,05** (*)	**0,02** (*)
1013000	(c) *Nagħaġ*			
1013010	Muskoli	**(+)**	**0,05** (*) **(+)**	0,2
1013020	Xaħam	**(+)**	**0,05** (*) **(+)**	3
1013030	Fwied	**(+)**	**0,2 (+)**	1,5
1013040	Kliewi	**(+)**	**0,1 (+)**	0,5
1013050	Ġewwieni li jittieklu		**0,2**	**3**
1013990	Oħrajn		**0,05** (*)	**0,02** (*)
1014000	(d) *Mogħoż*			
1014010	Muskoli	**(+)**	**0,05** (*) **(+)**	0,2
1014020	Xaħam	**(+)**	**0,05** (*) **(+)**	3
1014030	Fwied	**(+)**	**0,2 (+)**	1,5
1014040	Kliewi	**(+)**	**0,1 (+)**	0,5
1014050	Ġewwieni li jittieklu		**0,2**	**3**
1014990	Oħrajn		**0,05** (*)	**0,02** (*)
1015000	(e) *Żwiemel, ħmir, bgħula jew hinnies*			
1015010	Muskoli		**0,05** (*)	**0,2**
1015020	Xaħam		**0,05** (*)	**3**
1015030	Fwied		**0,2**	**1,5**
1015040	Kliewi		**0,1**	0,5
1015050	Ġewwieni li jittieklu		**0,2**	**3**
1015990	Oħrajn		**0,05** (*)	**0,02** (*)
1016000	(f) *Tjur -tiġieġ, wiżż, papri, dundjani u fargħuni, ngħam, ħamiem*		**0,05** (*)	
1016010	Muskoli		**(+)**	**0,2 (+)**
1016020	Xaħam		**(+)**	**1 (+)**

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
1016030	Fwied		**(+)**	**0,2 (+)**
1016040	Kliewi			**0,02** (*)
1016050	Ġewwieni li jittieklu			**1**
1016990	Oħrajn			**0,02** (*)
1017000	(g) *Annimali oħra tar-razzett (Fenek, kangarù, ċerv)*			
1017010	Muskoli		**0,05** (*)	**0,2**
1017020	Xaħam		**0,05** (*)	**3**
1017030	Fwied		**0,2**	**1,5**
1017040	Kliewi		**0,1**	**0,5**
1017050	Ġewwieni li jittieklu		**0,2**	**3**
1017990	Oħrajn		**0,05** (*)	0,02 (*)
1020000	(ii) **Ħalib**	**0,01** (*)	**0,05** (*)	0,2
1020010	Frat	**(+)**	**(+)**	
1020020	Nagħaġ	**(+)**	**(+)**	
1020030	Mogħoż	**(+)**	**(+)**	
1020040	Żwiemel			
1020990	Oħrajn			
1030000	(iii) **Bajd tal-għasafar**	**0,02** (*)	**0,05** (*) **(+)**	**0,2 (+)**
1030010	Tiġieġ			
1030020	Papri			
1030030	Wiżż			
1030040	Summien			
1030990	Oħrajn			
1040000	(iv) **Għasel (Ħalib tan-naħal, polline, għasel tax-xehda bix-xehda)**	0,05 (*)	**0,05** (*)	0,05 (*)
1050000	(v) **Anfibji u rettili (Saqajn taż-żringijiet, kukkudrilli)**	**0,02** (*)	**0,05** (*)	**0,02** (*)
1060000	(vi) **Bebbux**	**0,02** (*)	**0,05** (*)	**0,02** (*)
1070000	(vii) **Prodotti minn annimali terrestri oħra (Kaċċa salvaġġa)**	**0,02** (*)	**0,05** (*)	**0,02** (*)

(*) Jindika limitu iktar baxx ta' determinazzjoni analitika

([a]) Għal-lista sħiħa ta' prodotti ta' oriġini mill-pjanti u l-annimali li għalihom japplikaw l-MRLs, għandha ssir referenza għall-Anness I.

(F) = Idub fix-xaħam

Diflufenikan (F)

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar l-istabbiltà tal-ħażna mhijiex disponibbli. Meta terġa' tanalizza l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din tiġi ppreżentata sas-17 ta' April 2017, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix ippreżentata sa dik id-data, in-nuqqas ta' disponibbiltà tagħha.

0110000 (i) Frott taċ-ċitru

0110010 Grejpfrut (Shaddocks, pomelos,sweeties, tangelo (minbarra l-minneola), ugli u ibridi oħra)

0110020 Larinġ (Bergamott, larinġ morr, kinotto u ibridi oħra)

0110030 Lumi (Tronġ, lumi, Buddha's hand (Citrus medica var. sarcodactylis))

0110040 Xkomp

0110050 Mandolin (Klementina, ċitru tat-tanġier, minneola u ibridi oħra tangor (Citrus reticulata × sinensis))

0110990 Oħrajn

0120010 Lewż

0120110 Ġewż

0130000 (iii) Frott taż-żerriegħa

0130010 Tuffieħ (Tuffieħ salvaġġ)

0130020 Lanġas (Lanġas Orjentali)

0130030 Sfarġel

0130040 Naspli

0130050 Naspla tal-Ġappun

0130990 Oħrajn

0140000 (iv) Frott tal-għadma

0140010 Berquq

0140020 Ċiras (ċiras ħelu, ċira qares)

0140030 Ħawħ (nuċiprisk u ibridi oħra)

0140040 Għanbaqar (Għanbaqra ħamra, għanbaqra ħadra, għanbaqra mirabella, pruna selvaġġa, tamal aħmar/tamal Ċiniż/żinżel Ċiniż (Ziziphus zizyphus))

0140990 Oħrajn

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar l-istabbilità tal-ħażna, il-provi tar-residwu u l-prattiki agrikoli tajbin fuq barra fit-Tramuntana mhijiex disponibbli. Meta terġa' tanalizza l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din tiġi ppreżentata sas-17 ta' April 2017, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix ippreżentata sa dik id-data, in-nuqqas ta' disponibbiltà tagħha

0151000 (a) Għeneb tal-mejda u tal-inbid

0151010 Għeneb tal-mejda

0151020 Għeneb tal-inbid

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar l-istabbiltà tal-ħażna mhijiex disponibbli. Meta terġa' tanalizza l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din tiġi ppreżentata sas-17 ta' April 2017, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix ippreżentata sa dik id-data, in-nuqqas ta' disponibbiltà tagħha.

0162010 Kiwi

(+) Il-livell massimu ta' residwu applikabbli għall-għerq tal-mustarda (Armoracia rusticana) fil-grupp tal-ħwawar (kodiċi 0840040) huwa dak stabbilit għall-għerq tal-mustarda (Armoracia rusticana) fil-kategorija tal-Ħxejjex, fil-grupp tal-ħxejjex mill-għeruq u t-tuberi (kodiċi 0213040) filwaqt li jitqiesu l-bidliet li jkun hemm fil-livelli minħabba l-ipproċessar (tnixxif) skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

0840040 Għerq tal-mustarda

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar il-metodi analitiċi mhijiex disponibbli. Meta twettaq ir-reiżami tal-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din tiġi ppreżentata sas-17 ta' April 2017, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix ippreżentata sa dik il-ġurnata, in-nuqqas ta' disponibbiltà tagħha.

1012010 Muskoli

1012020 Xaħam

1012030 Fwied

1012040 Kliewi

1013010 Muskoli

1013020 Xaħam

1013030 Fwied

1013040 Kliewi

1014010 Muskoli

1014020 Xaħam

1014030 Fwied

1014040 Kliewi

1020010 Frat

1020020 Nagħaġ

1020030 Mogħoż

Flutolanil (R)

(R) = Id-definizzjoni tar-residwu tvarja għall-kombinazzjonijiet li ġejjin tal-pestiċida b'kodiċi numru:

kodiċi 1000000 ħlief 1040000: Flutolanil (Flutolanil u metaboliti li jkun fihom il-frazzjoni tal-aċidu 2-trifluorometilbenżojku, espressa bħala flutolanil)

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar il-provi tar-residwu mhijiex disponibbli. Meta terġa' tanalizza l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din tiġi ppreżentata sas-17 ta' April 2017, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix ippreżentata sa dik id-data, in-nuqqas ta' disponibbiltà tagħha.

0231020 Bżar ħelu (Bżar felfel)

0260010 Fażola (bil-miżwed) (Fażola ħadra/fażola Franċiża/fażola tinqasam, fażola ta' Spanja, fażola tat-tqattigħ, fażola twila Ċiniża, fażola guwar, fażola tas-sojja)

0270050 Qaqoċċ (Fjura tal-banana)

(+) Il-livell massimu ta' residwu applikabbli għall-għerq tal-mustarda (Armoracia rusticana) fil-grupp tal-ħwawar (kodiċi 0840040) huwa dak stabbilit għall-għerq tal-mustarda (Armoracia rusticana) fil-kategorija tal-Ħxejjex, fil-grupp tal-ħxejjex mill-għeruq u t-tuberi (kodiċi 0213040) filwaqt li jitqiesu l-bidliet li jkun hemm fil-livelli minħabba l-ipproċessar (tnixxif) skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

0840040 Għerq tal-mustarda

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar il-metodi analitiċi u l-istabbiltà tal-ħażna mhijiex disponibbli. Meta terġa' tanalizza l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din tiġi ppreżentata sas-17 ta' April 2017, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix ippreżentata sa dik id-data, in-nuqqas ta' disponibbiltà tagħha.

1011010 Muskoli

1011020 Xaħam

1011030 Fwied

1011040 Kliewi

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar il-metodi analitiċi, l-istabbiltà tal-ħażna u metaboliżmu fir-ruminanti mhjiex disponibbli. Meta terġa' tanalizza l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din tiġi ppreżentata sas-17 ta' April 2017, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix ippreżentata sa dik id-data, in-nuqqas ta' disponibbiltà tagħha.

1012010 Muskoli

1012020 Xaħam

1012030 Fwied

1012040 Kliewi

1013010 Muskoli

1013020 Xaħam

1013030 Fwied

1013040 Kliewi

1014010 Muskoli

1014020 Xaħam

1014030 Fwied

1014040 Kliewi

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar il-metodi analitiċi u l-istabbiltà tal-ħażna mhijiex disponibbli. Meta terġa' tanalizza l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din tiġi ppreżentata sas-17 ta' April 2017, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix ippreżentata sa dik id-data, in-nuqqas ta' disponibbiltà tagħha.

1016010 Muskoli

1016020 Xaħam

1016030 Fwied

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar il-metodi analitiċi, l-istabbiltà tal-ħażna u metaboliżmu fir-ruminanti mhjiex disponibbli. Meta terġa' tanalizza l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din tiġi ppreżentata sas-17 ta' April 2017, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix ippreżentata sa dik id-data, in-nuqqas ta' disponibbiltà tagħha.

1020010 Frat

1020020 Nagħaġ

1020030 Mogħoż

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar il-metodi analitiċi u l-istabbiltà tal-ħażna mhijiex disponibbli. Meta terġa' tanalizza l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din tiġi ppreżentata sas-17 ta' April 2017, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix ippreżentata sa dik id-data, in-nuqqas ta' disponibbiltà tagħha.

1030000 (iii) Bajd tat-tjur

1030010 Tiġieġ

1030020 Papri

1030030 Wiżż

1030040 Summien

1030990 Oħrajn

Spinosad (is-somma ta ' spinosin A u spinosin D) (F)

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar il-provi tar-residwu mhijiex disponibbli. Meta terġa' tanalizza l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din tiġi ppreżentata sas-17 ta' April 2017, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix ippreżentata sa dik id-data, in-nuqqas ta' disponibbiltà tagħha.

0241000 (a) Brassica bil-fjuri

0241010 Brokkoli (Brokkoli tal-Kalabrija, brokkoli raab, brokkoli Ċiniż)

0241020 Pastard

0241990 Oħrajn

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar in-natura tar-residwi fi prodotti pproċessati mhijiex disponibbli. Meta terġa' tanalizza l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din tiġi ppreżentata sas-17 ta' April 2017, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix ippreżentata sa dik id-data, in-nuqqas ta' disponibbiltà tagħha.

0252010 Spinaċi (Spinaċi tan-New Zealand,spinaċi amaranthus (pakkhom, tampara), weraq tal-pjanta Tajer, bitterblad/bitawiri)

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar il-provi tar-residwu mhijiex disponibbli. Meta terġa' tanalizza l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din tiġi ppreżentata sas-17 ta' April 2017, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix ippreżentata sa dik id-data, in-nuqqas ta' disponibbiltà tagħha.

0270050 Qaqoċċ (Fjura tal-banana)

